MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 771/2011/1

**Violet Camilleri**

**vs**

**Registratur tal-Qorti t'Ghawdex u l-Avukat Kevin Mompalao**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-30 ta' Marzu 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, ippronunzat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***Il-Qorti;***

*Rat ir-rikors ipprezentat minn Violet Camilleri fit-12 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu esponiet is-segwenti:*

*Illi l-esponenti giet innotifikata b'ittra ufficjali numru 771/2011 spedita fis-17 ta' Novembru 2011, mill-Avukat Kevin Mompalao fejn giet interpellata thallas id-dritt tieghu fil-kawza: Violet Camilleri vs Mario Camilleri (Rikors numru 9/09), illum ceduta;*

*Illi l-esponenti qed tikkontesta d-dritt tal-avukat ghat-talba principali taghha billi dan kellu jigi kalkolat fuq l-interess li kellha r-rikorrenti fil-kawza, u cioe' nofs il-valur tal-assi tal-komunjoni u mhux fuq il-valur intier tal-assi billi l-interess tal-esponenti li kienet patrocinata minnu kien biss ta' nofs u cioe' ta' hamsin fil-mija tal-valur tal-assi fil-komunjoni;*

*Illi d-dritt tal-avukati ghall-kontro-talba qed jigi kontestat fi proceduri separate billi d-dritt tal-avukati ma kellux jinhadem doppjament ghat-talba u l-kontro-talba meta l-likwidazzjoni tal-komunjoni kienet ser issir biss darba;*

*Illi d-dritt li qed jintalab mill-Avukat Kevin Mompalao kellu wkoll jigi ffissat bi ftehim mal-esponenti billi meta talab li d-dritt tieghu jigi ntaxxat, il-kawza kienet ghadha sejra u l-avukat ma kellu ebda dritt li jiffissa valur mal-avukat tal-kontro-parti, izda kellu jiffissa l-valur mal-patrocinata tieghu billi kien hu li ddecieda li jwaqqaf is-servizzi tieghu lill-esponenti u mhux vice versa;*

*Illi sallum ghadha ma hargitx taxxa ufficjali tal-kawza minkejja li l-kawza giet ceduta stante ftehim li kien intlahaq sussegwentement bejn l-esponenti u zewgha, u ghalhekk dan ir-rikors qed isir biss fil-konfront tal-intimati u mhux ukoll fil-konfront ta' zewgha Mario Camilleri u l-avukat tieghu;*

*Illi t-taxxa li harget tat-3 ta' Novembru 2009 ma saritx skond il-ligi, u mhijiex valida billi din kellha tohrog biss fil-konfront tal-avukat li kien iddecieda li jtemm is-servizzi tieghu u mhux taxxa tal-kawza come ceduta, u effettivament it-taxxa fil-process baqghet ma gietx iffirmata u ghadha sallum mhix iffirmata mir-registratur;*

*Illi l-esponenti talbet ghalhekk lil din il-Qorti tordna ritassa tad-dritt tal-avukat Kevin Mompalao billi tordna li d-dritt tieghu jigi kalkolat biss fuq l-interess li kellha l-esponenti fil-kawza fejn kienet kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha Mario li kien ukoll parti fil-kawza.*

*Illi l-Avukat Kevin Mompalao irrisponda hekk:*

*Illi d-dritt ta' parti f'kawza li tattakka taxxa ufficjali ta' drittijiet u spejjes jitwieled minn l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi dak id-dritt jaghmilha <u>tassattiva</u> li tali taxxa tista' tigi attakkata mid-debitur entro xahar (perentorju) dekoribbli mid-data li fiha huwa jircievi dik it-taxxa permezz ta' intimazzjoni gudizzjarja biex ihallas.*

*Dan kollu sar permezz ta' ittra ufficjali tas-<u>17 ta' Novembru 2009</u> li maghha giet annessa it-taxxa ufficjali (ittra ufficjali numru 779/2009).*

*Illi kuntrarjament ghal dak li tallega Violet Camilleri it-taxxa annessa ma' dik l-ittra ufficjali <u>kienet debitament iffirmata mir-registratur</u> u ghalhekk it-talba kienet valida.*

*Skond l-artikolu precitat Violet Camilleri kellha xahar zmien minn notifika ta' dik l-ittra ufficjali sabiex tattakka l-istess taxxa. Fil-fatt hija hemm ghamlet u attakkat dik it-taxxa in parti billi attakkat id-dritt tas-sottoskritt moghti ghal kontro talba. Id-drittijiet l-ohra <u>qatt ma gew ikkontestati.</u>*

*Illi fis-17 ta' Novembru 2011 l-esponenti bghat ittra ufficjali ohra sabiex Violet Camilleri thallsu dawk id-drittijiet li ma kinux kontestati u li skond l-artikolu 253 tal-Kap 12 huma koperti b'titolu ezekuttiv. Dan sar minn l-esponenti sabiex ma jaqbadx jghaddi ghal mandati ezekuttivi minn l-ewwel, dan minkejja li ma kellux bzonn jaghmel dan ghaliex huwa kien kopert ghal dawn id-drittijiet bl-ittra ufficjali tieghu tas-17 ta' Novembru 2009.*

*Illi għalhekk Violet Camilleri ma kellha l-ebda jedd f'dan l-istadju terga' tipprova tattakka dik it-taxxa wara li sentejn ilu attakkata biss in parti.*

*Illi huwa kontrosens li Violet Camilleri toqghod targumenta illi dik it-taxxa mhix valida ghax mhux iffirmata u fl-istess waqt ilha sentejn tattakka dik it-taxxa fi proceduri li marru anke fl-appell.*

*Illi l-fatt li t-taxxa li hemm fil-process mhix iffirmata ma jfisser xejn (l-anqas hemm obbligu legali li t-taxxa trid tkun fil-process). L-importanti huwa illi t-taxxa annessa ma' l-ittra ufficjali ta' Novembru 2009 u notifikata lil Violet Camilleri hija ffirmata. U Violet Camilleri kellha xahar zmien biex tqajjem kull oggezzjoni li trid ghal dik it-taxxa; kif fil-fatt ghamlet, izda dak li ma kkontestatx dakinhar ma jistax jigi kkontestat f'dan l-istadju aktar minn sentejn wara.*

*Illi l-fatt illi t-taxxa hija mahruga come ceduta u mhux biss fil-konfront ta' l-avukat li talabha ma jfisser xejn, ghaliex id-drittijiet ta' l-avukat huma t-tnejn l-istess fiz-zewgt kazi.*

*Illi jidher car illi Violet Camilleri, sempliciment ghal pika taghha, qed taghmel minn kollox biex tipprova ma thallasx lill-avukat taghha, agir li ghandu jkun ikkundannat.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-valuri li fuqhom giet mahduma t-taxxa ufficjali huma valuri gusti u rejali anzi huma valuri konservattivi tenut kont tal-proprjeta' u l-flus inkluzi ishma u assi ohra finanzjarji li kellha l-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Ghalhekk ir-rikors ta' Violet Camilleri ghandu jigi michud.*

*Rat li r-Registratur tal-Qorti t' Ghawdex gie debitament notifikat bir-Rikors, bid-digriet u l-Avviz tas-Smigh izda baqa' ma pprezenta ebda risposta.*

*Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2012 fejn gie deciz li li in vista ta' l-eccezzjoni ta' Dr Mompalao li r-rikors sar fuori termine jehtieg li qabel kollox tigi trattata din l-*

*eccezzjoni. Fuq talba tieghu r-Registratur inghata terminu ta' ghoxrin jum biex jaghmel nota ta' sottomissjonijiet rigwardanti l-eccezzjoni trattata. Ir-rikors gie differit ghall-provvediment gahs-seduta tat-30 ta' Marzu 2012.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex (li ghalkemm giet prezentata tardivament b'jumejn u giet prezentata minghajr awtorizzazzjoni tal-qorti xorta wahda qeghda tigi ammessa in atti) fejn issottometta:*

*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ghall-fatt illi l-ittra ufficjali numru 771/2011 spedita fis-17 ta' Novembru 2011 illi tat lok ghal dina l-procedura ma gietx presentata fl-atti ta' dan ir-rikors. Illi wiehed ma jifhiemx kif wiehed jista' jippretendi illi jimpunja taxxa rilaxxata mill-esponenti meta tali taxxa ma gietx ipprezentata fl-atti ta' dan ir-rikors u konsegwentement, wiehed ma jafx fuq xiex qieghda tibbaza l-lanjanza taghha r-rikorrenti.*

*Illi fit-tieni lok, jekk it-taxxa impunjata hija l-istess taxxa illi r-rikorrenti qieghda tipprova timpunja bil-procedura odjerna hija l-istess taxxa rilaxxata mill-esponenti fit-3 ta' Novembru 2009 u li giet allegata mar-rikors illi l-istess rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Novembru 2009 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Familja (Rikors Numru 9/2009), allura hu altru milli evidenti illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija llum perenta bl-artiklu 64 tal-Kap 12 ghaliex ir-rikorrenti kienet giet notifikata bit-taxxa in kwistjoni u kellha xahar zmien sabiex timpunjaha kif fil-fatt ghamlet bil-procedura msemmija.*

*Illi l-fatt illi r-rikorrenti giet notifikata mill-gdid b'ittra ufficjali bit-taxxa in kwistjoni (dejjem nassumu illi fil-fatt si tratta mill-istess taxxa ghax ma giex iccarat liema taxxa qieghda timpunja r-rikorrent) mill-avukat li kien jippratocinaha ma jaghtiex dritt lir-rikorrenti illi terga' tittenta azzjoni gdida sabiex timpunja t-taxxa in kwistjoni meta tali impunjazzjoni fi kwalunkwe kaz diga' qed tigi ttentata fil-procedura msemmija.*

*Rat l-atti kollha.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-punti saljenti li wasslu ghall-vertenza odjerna kienu s-segwenti:*

- *Ir-rikorrenti kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni. Hija kienet patrocinata mill-Avukat Dr Kevin Mompalao. F'waqt minnhom Dr Mompalao ma baqax jippratocinaha.*

- *Dr Mompalao talab lir-Registratur sabiex jahdem taxxa come ceduta sabiex b'hekk huwa jkun jista' jithallas id-dritt tieghu. Fil-fatt harget tali taxxa.*

- *Fis-17 ta' Novembru 2009 Dr Mompalao baghat ittra ufficjali (Nru 779/2009) lil Violet Camilleri li maghha giet annessa it-taxxa ufficjali. Din it-taxxa kienet iffirmata mir-Registratur u dan anki kif ivverifikat minn din il-qorti fl-atti. Permezz ta' din l-ittra ufficjali, Dr Mompalao interpella lil Violet Camilleri sabiex thallsu l-ammont ta' €7,395.74.*

- *Violet Camilleri pprezentat rikors li permezz tieghu attakkat dik it-taxxa in parti billi lmentat li r-Registratur ntaxxat ghal darbtejn it-talba ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq valur ta' €449,500. L-argument tar-rikorrenti hu li l-komunjoni tal-akkwisti kienet ser tigi likwidata darba biss. Tali proceduri ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti.*

- *Dr Mompalao baghat ittra ufficjali ohra fis-17 ta' Novembru 2011 sabiex Violet Camilleri thallsu d-drittijiet li ma gewx kontestati minnha u li skont huwa huma koperti b'titolu ezekuttiv. Ghalhekk ir-rikors odjern huwa fuori termine.*

- *Ir-rikorrenti fir-rikors odjern targumenta li t-taxxa li harget fis-sena 2009 (i) ma kellhiex tinhareg come ceduta (sallum taxxa ufficjali tal-kawza ghadha ma saritx nonostante li l-kawza giet ceduta) u ghalhekk it-taxxa*

*mhiex valida; (ii) qed tikkontesta d-dritt tal-avukat ghat-talba principali billi dan kellu jigi kalkolat fuq l-interess li kellha hija cioe' nofs il-valur tal-assi tal-komunjoni u mhux fuq l-intier; (iii) il-valur tal-komunjoni ma setax jigi ffissat mal-avukat tal-kontro-parti izda kellu jigi ffissat mal-patrocinata tieghu.*

*Illi fl-ewwel lok jinghad li ghalkemm ir-rikorrenti messha ezebiet l-ittra ufficjali flimkien mar-rikors minnha prezentat, din il-qorti mhiex tal-fehma li b'daqshekk tixhet 'il barra l-istess rikors. Ghalhekk il-qorti ghamlet il-verifiki taghha sabiex l-istess ittra ufficjali li giet indikata b'mod preciz mir-rikorrenti tigi rintraccjata.*

*Illi l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*'(1) L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika'.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti l-intimat Dr Kevin Mompalao ghandu ragun meta jsostni li l-azzjoni tar-rikorrenti hija fuori termine u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*(i) L-artikolu 253 (c) tal-Kap 12 jipprovdi li huma titoli esekuttivi taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skond il-ligi. Imbaghad l-artikolu 256(2) jistipula illi l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.*

*(ii) Illi t-taxxa li qed tigi impunjata permezz tar-rikors odjern hija l-istess taxxa rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti*

*fit-3 ta' Novembru 2009 li biha kienet giet debitament notifikata r-rikorrenti. Parti minn din it-taxxa qeghda tigi impunjata fi proceduri ohra quddiem din il-qorti liema proceduri ghadhom pendenti. Infatti fil-proceduri fl-ismijiet 'Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti (Ghawdex)' – Rik Nru: 9/09JD) ir-rikorrenti ikkontestat biss id-dritt tal-avukat b'referenza ghall-kontrotalba billi ssostni li ma kellux jinhadem doppjament ghat-talba u l-kontrotalba meta l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet ser issir darba.*

*(iii) Illi ghalhekk huwa evidenti li r-rikorrenti accettat jew ghazlet li ma tikkontestax il-mod kif gie intaxxat id-dritt ta' l-avukat inkwantu ghat-talba.*

*Illi ghalhekk l-ammont ta' taxxa li ma giex kontestat a tempo vergine ossia fit-terminu ta' xahar minn mindu r-rikorrenti giet notifikata bl-ittra ufficjali bit-taxxa annessa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv u in verita' lanqas kien hemm bzonn li tinhareg ittra ufficjali ohra ghall-esekuzzjoni ta' dak it-titolu esekuttiv. Din it-tieni ittra ufficjali ghandha titqies biss bhala ittra interpellatorja bl-isperanza li l-persuna koncernata thallas minghajr il-htiega tal-hrug ta' mandati ezekuttivi fil-konfront taghha.*

*(iv) Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex fl-eventwalita' li t-talba tar-rikorrenti fil-proceduri Nru: 9/09JD ikunu favorevoli ghaliha t-taxxa fuq id-dritt ta' l-Avukat Kevin Mompalao se jibqghu mhux mittiefsa. Ghalhekk bl-ittra ufficjali tas-sena 2009 dik il-parti tat-taxxa li ma gietx kontestata hija kolpita bit-titolu ezekuttiv u ma tistax tigi attakkata.*

*(v) Illi r-ragunijiet li gabet 'il quddiem ir-rikorrenti fir-rikors odjern huma kollha ragunijiet sabiex tigi attakkata t-taxxa fi proceduri ta' ritassa, li bir-rispett kollu, kellhom jigu avvanzati fl-ewwel istanza u mhux f'dawn il-proceduri.*

*Ibda biex il-fatt li t-taxxa harget come ceduta ma jfissirx li t-taxxa hija nulla a priori izda semmai hija raguni biex tattakka l-mod ta' kif giet mahduma t-taxxa.*

*Illi l-ilment li t-taxxa li qeghda fil-process mhiex iffirmata lanqas tirrizolta fondata fi kwalunkwe kaz.*

*L-istess jinghad ghall-ilment li l-valur gie indikat mill-avukati tal-partijiet minghajr l-awtorizzazzjoni tal-patrocinata tieghu.*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex, tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat l-Avukat Kevin Mompalao li r-rikorrenti prezentat ir-rikors fuori termine u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti.*

*Spejjez a karigu tar-rikorrenti.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Violet Camilleri datat 13 ta' April 2012 fejn talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri tat-30 ta' Marzu 2012, u dan billi tichad l-istess eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-intimat u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti halli r-rikors ikompli jigi trattat u deciz skont il-ligi.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Kevin Mompalao tal-25 ta' April 2012, fejn b'referenza ghall-profili kollha suesposti, jitlob li l-appell ma jigiex ezawdit, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbattew mill-appellanta.

Rat ir-risposta tal-appell tar-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 7 ta' Mejju 2012 fejn l-esponenti talab li s-sentenza appellata tigi kkonfermata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-2 ta' Lulju 2012 fejn deheru Dr. Mario Scerri ghall-appellanta Violet Camilleri, l-appellat Dr. Kevin Mompalao u Dr. Mary Debono Borg ir-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex. Il-kaz gie trattat u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2012.
s
Rat l-atti kollha relattivi.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-ewwel aggravvju tal-appellanta huwa li l-**artikolu 64 tal-Kap. 12** ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Din il-Qorti ma thossx li tali aggravju huwa gustifikat ghaliex jirrizulta li l-istess artikolu gie stabilit li l-ispejjez gudizzjarji li jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma setghux jigu attakati mit-terminu ta' xahar, li jibda jiddekorri ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez mill-gurnata li fiha tohrog it-taxxa, u ghad-debitur mid-data ta' notifika ta' l-istess b'att gudizzjarju (**"Paolo Schembri vs Rosina Bonnici et"** – 12 ta' Gunju 1953).

Illi fil-fatt fid-decizjoni **"Adelaide Ellul vs Direttur Generali tal-Qorti et"** (P.A. (RCP) – 26 ta' Marzu 2009) inghad li hemm xahar li fih ir-rikorrenti setghu jattakkaw it-taxxa u jekk dan jiskadi mela allura l-azzjoni proposta tigi perenta u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 64 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fil-fatt l-**artikolu 64** huwa car u ma jaghti l-ebda lok ghall-interpretazzjoni fis-sens li tali azzjoni ta' ritassa ghandha tinbeda fi zmien xahar, li jibda jiddekorri mid-data illi fiha harget it-taxxa f'kaz ghal min ikun talab il-hrug tat-taxxa u in kwantu ghad-debitur, ix-xahar jibda jiddekorri mid-data illi fiha jkun gie regolarment notifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju.

Illi f'dan il-kaz ma huwiex kontestat illi r-rikorrenti fil-kaz in ezami hija d-debitur u hija giet interpellata b'ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 2009 (Ittra Ufficjali 779/2009) sabiex thallas lill-appellat id-dritt intaxxat lilu skont taxxa datata 3 ta' Novembru 2009, u tali ittra ufficjali giet notifikata lill-appellant odjerna fl-1 ta' Dicembru 2009.

Mela la darba dan ir-rikors sar biss fit-12 ta' Dicembru 2011 dan ifisser li l-istess talba mertu ta' dawn il-proceduri ma tistax tintlaqa' ghaliex tali talba saret fuori termine, ghaliex saret wara x-xahar indikat fl-**artikolu 64 tal-Kap. 12 ("Aldo Laferla vs Francis Scicluna et"** A.C. – 29 ta' Mejju 1998)**.**

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata.

## III. KONKLUZJONI

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat Dr. Kevin Mompalao datata 25 ta' April 2012 u tal-appellat ir-Registratur tal-Qorti datata 7 ta' Mejju 2012 biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **u tichad l-appell interpost mill-appellanta Violet Camilleri datat 12 ta' Dicembru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, fl-ismijiet premessi "Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti et" datata 30 ta' Marzu 2012 (Rikors Numru 771/2011/JD) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez tal-appell a karigu tal-appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------